# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Dustin Caruana**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Dustin Caruana** detentur tal-karta tal-identita numru 100988M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, gewwa l-ħanut "Espadan Bar" li jinsab ġewwa Ħal-Tarxien, fis-27 t'Ottubru 2014 u fix-xhur ta' qabel : -

"1. Immanifatturajt, immontajt, sewwejt jew wettaqt manutenzjoni; qghedt fis-suq, iddistribwixxejt, fornejt, bihejt krejt jew trasferixxejt; ghamilt disponibbli ghall-uzu, ilqajt ghandek jew operajt xi apparat rilevanti ghal-loghob, meta int ma kellekx licenzja valida mahruga mill-Awtorita' kif stabbilit fl-ewwel skeda. SL 438.07 Reg3(1)

2. Operajt, ippromwovejt, bihejt jew ippartecipajt jew b'xi mod li jkun ghent jew hajjart l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob bi ksur tal-artikoli 3 jew 4; Kap438 art 6 (a)

3. Operajt, ippromwovejt, bihejt jew b'xi mod li jkun ghent jew hajjart l-operat, il-promozzjoni jew bejqh ta' loghob bi ksur tal-artikolu 5. Kap 438 art 6 (b)

4. Immanifatturajt, immontajt, sewwejt, wettaqt manutenzjoni fuq, qieghedt fis-suq, iddistribwixxejt, fornejt, bihejt, krejt, ittrasferixxejt, ghamilt disponibbli ghall-uzu, ilqajt ghandek jew operajt xi apparat rilevanti ghall-loghob, jew xi parti jew partijiet minnu, jekk kemm-il darba ma kellekx licnezja valida ghal dan l-iskop mahruga mill-Awtorita jew kemm-il darba m'hintix ezenti minn dik il-htiega ta' licenza dwar dak l-apparat rilevanti ghal-loghob jew dik l-attivita skont regolamenti maghmulin taht dan l-Att. Kap438 Art 7 (1)

5. Immanifatturajt, immontajt, qieqhedt fis-suq, iddistribwixxejt, fornejt, bieqhejt, krejt, trasferixxejt, ghamilt disponibbli ghall-uzu, ilqajt ghandek jew operajt xi makna ghal loghob tad-divertiment jew makna ghal-loghob tad-divertiment bi premju, jew xi parti jew partijiet minnhom, minghajr ma kellek licenza valida ghal dan l-iskop mahruga mill- Awtorita jew sakemm int ma kontx ezenti minn dik il-htiega ta' licenza dwar dik il-makna ghal loqhob tad-divertiment jew dik il-makna ghal-loghob tad-divertiment bi premju jew dik l-attivita skont regolamenti maghmulin taht dan l-Att. Kap438 Art 7 (3)

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mil-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula. Art 49, 50 u 289 tal-Kap9"

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti, inkluż is-sanzjoni tal-Avukat Ġenerali;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

F'dan il-każ il-fatti huma ċari – fiż-żmien inkriminat, fil-ħanut ġestit mill-imputat hawn fuq imsemmi, waqt spezzjoni magħmula mill-Pulizija u Spetturi tal-Awtorita Maltija Dwar il-Logħob ġew misjuba żewġ makni – "Miss Bowling Turbo five in line" u "Mega Touch Mexx". Fil-ħin tal-ispezzjoni t-tnejn kienu mixgħulin u t-tnejn kellhom xi flus fihom. Dawn ġew elevati mill-Pulizija u meħuda l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fejn ġie wkoll interrogat l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Kapitolu 438.07 kif ukoll tal-Artikoli 6(a)(b) u 7(1)(3) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni riedet qabel xejn tipprova li dawn il-makni kienu jaqgħu taħt xi waħda mid-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 tal-Kap 438 jew fir-regolament 2 tal-L.S. 438.07.

Għall-fini tar-regolament 3 tal-L.S. 438.07, id-definizzjoni kruċjali hija dik ta' "**apparat rilevanti għall-logħob**", misjuba mhux f'din il-liġi sussidjarja, iżda fl-Artikolu 2 tal-Kap 438. Dan jgħodd ukoll għar-reat maħluq taħt l-Artikolu 7(1) tal-Kap 438, fejn ukoll dan ir-reat jiddependi fuq l-interpretazzjoni ta' "apparat rilevanti għall-logħob". Ir-reat taħt l-Artikolu 7(3) jolqot "**xi makna għal-logħob tad-divertiment** jew **makna għal-logħob tad-divertiment bi premju** jew xi parti jew partijiet minnhom". Mill-banda l-oħra r-reati msemmija fl-Artikolu 6(a) u 6(b) jistrieħ fuq it-tifsira ta' "**logħba**" bi ksur tal-Artikoli 3 jew 4 – u li jagħmlu riferenza għal "**logħba awtorizzata**"; jew ukoll "logħba" bi ksur tal-Artikolu 5.

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-każ trid bilfors tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-makni elevati f'dan il-każ jaqgħu fil-parametri ta waħda minn dawn it-tifsiriet. Trid tipprova wkoll li l-imputat ma kienx liċenzat li jagħmel xi attivita ta' logħob f'Malta, jew li ma kienx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar apparti rilevanti għall-logħob.

L-aktar terminu important f'dan il-każ huwa t-tifsira tal-kelma "logħba". Din tifsser u tinkludi logħba tal-ażżard u logħba tal-ażżard u abbilita. Iżda ma tinkludix logħba tad-divertiment, u t-tifsira ta' logħba hija magħmula li ma tinkludix ukoll "makna għal-logħob tad-divertiment" u "logħba tad-divertiment".

F'dan il-każ allura qabel xejn il-Prosekuzzjoni kellha tipprova dawn il-makni x'ġeneru ta' makni kienu. Il-Prosekuzzjoni għoġobha li taddebita lill-imputat kemm ir-reat taħt l-Artikolu 7(1) (u 3 tal-L.S.438.07) kif ukoll dak taħt l-Artikolu 7(3) tal-Kap 438. Jidher minn dak sottomess mill-Uffiċjal Prosekutur li dawn l-imputazzjonijiet ingħataw b'mod alternattiv; u dan peress li huwa jikkonċedi li l-Qorti ma tistax issib ħtija fuq l-ewwel erba' imputazzjonijiet u fuq il-ħames imputazzjoni kontemporanjament. Biss dawn l-imputazzjonijiet ma humiex neċessarjament kumplimentari ma xulxin iżda f'ċerti każijiet jistgħu ikunu inkompatibbli jew saħansitra kontradittorji waħda mal-oħra.

Il-Prosekuzzjoni hija fid-dmir li tipprova lil Qorti l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fl-elementi formali u materjali tal-każ. F'dan il-każ biex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi liema minn dawn l-imputazzjonijiet tabbraċċja trid bil-fors tasal għal konklużjoni (ta' fatt aktar milli ta' dritt) dwar x'inhi n-natura fattwali tal-magni eżibiti kif ukoll x'użu speċifiku kien qiegħed isir minnhom f'dan il-każ partikolari. In-natura fattwali tal-magni eżibiti trid tiġi pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-Prosekuzzjoni stess. Il-Prosekuzzjoni ma tistax tassumi u tieħu bħala fatt skontat l-istess fatt li dawn il-magni jew jaqgħu taħt kategorija jew jaqgħu taħt oħra jew li kienu qegħdin jiġu wżati bħala logħob tal-ażżard, jew logħob tal-ażżard u abbilta' jew logħob tad-divertiment bi premju jew mhux. Hija trid tipprova x'tip ta' magni kienu u wkoll jekk ma jkunx ċar il-ġeneru tal-magni, tkun trid tipprova x'użu jkun qed isir minnhom. Jekk tonqos minn dan id-dmir, ma tistax tistrieħ fuq l-assunzjoni li l-Qorti tista' tasal – xjenza fattwali proprja – liema magna għandha tiġi ritenuta taħt liema kategorija ta' magni jew x'użu kien qiegħed isir.

F'dan il-każ il-Qorti trid tieħu deċiżjoni dwar x'ġeneru ta' logħob hu dak prospettat mill-Prosekuzzjoni u biex tagħmel dan teħtieġ li tieħu ġudizzju infurmat u ffurmat. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni mhix timputa sempliċiment akkużi alternattivi bħal per eżempju bħal ma

tagħmel meta fil-każijiet kongruwi timputa r-reat ta' serq jew ir-reat ta' riċettazzjoni. F'dak il-każ tkun il-Qorti li tiddeċiedi jekk f'każ partikolari il-fatti jikkwalifikawx reat a differenza ta' ieħor. Pero hemmhekk id-distinzjoni hija waħda legali ċjoe prinċipalment id-deċiżjoni tal-Qorti tistrieħ fuq interpretazzjoni tal-liġi dwar jekk jeżistux l-elementi tas-serq jew riċettazzjoni għal fatti li l-Qorti hija kompetenti li tanalizza u tagħmel differenza bejn delitt u ieħor.

F'dan il-każ pero sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni tagħha teħtieġ mhux daqstant l-interpretazzjoni tagħha tad-dritt in disamina daqskemm informazzjoni dwar in-natura tal-logħob in kwistjoni nonche tal-użu li jkun qiegħed isir bihom. Jiġifieri dak li l-Qorti teħtieġ li tiddependi l-ġudizzju tagħha f'dan il-każ hija d-determinazzjoni fattwali ta' jekk logħba hix logħba tal-ażżard, jew logħba tal-ażżard u abbilita jew hix logħba tad-divertiment jew almenu mill-fatti ta' dan il-każ kienetx logħoba li taqa' taħt il-kategorija tal-ażżard jew tad-divertiment. Din id-distinzjoni hija waħda ta' fatt li biex tiġi determinata jista' jkun teħtieġ ċerta għarfien tekniku u li jrid fi kwalunkwe każ jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni tisħaq li l-imputat ma kellux liċenza għal dawn il-makni "tal-logħob illegali". Iżda kemm jekk hija logħoba tal-ażżard, kif ukoll jekk hija logħoba tal-ażżard u abbilita' kif ukoll jekk

hija logħba tad-divertiment jew logħoba tad-divertiment bi premju (mingħajr liċenza maħruġa mill-Awtorita rilevanti) jkunu illegali skont il-Liġi.  Biss l-akkużi fir-rigward dawn iż-żewġt kategoriji differenti f'dan il-każ ma jistgħux jikkoeżistu.  Il-partijiet qablu li f'dan il-każ l-ewwel erba' akkużi jeskludu l-ħames waħda.  Allura fid-dawl ta' dan in bażi għall-liema prova preżentata fil-proċess tista' din il-Qorti, serenament tikkonkludi li dawn il-logħob li nstabu għand l-imputat kienu logħob tal-ażżard jew logħob tal-ażżard u abbilta' jew inkella logħob ta' divertiment jew almenu kienu qegħdin jiġu wżati taħt il-kategorija tal-ażżard jew tad-divertiment?

Fin-nuqqas ta' prova ċara dwar in-natura tal-logħob in kwistjoni, il-Qorti ma setgħetx tiddetermina taħt liema Artikolu l-imputat setgħa jinstab ħati.  Il-Qorti ma tistax **tassumi** hi dwar in-natura tal-makni.  Dan għaliex daqskemm dawn il-makni setgħu kienu qegħdin jipprovdu logħob tal-ażżard jew logħob tal-ażżard u abilita (anke jekk fil-forma indiretta tagħhom – ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs. Maria Louisa Carbonaro*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Novembru 2004) setgħu ukoll kienu makni tal-logħob għad-divertiment jew makni għall-logħob tad-divertiment bi premju.  Dan peress li t-tifsira ta' dawn it-tip ta' makni tal-aħħar tinkludi wkoll tip ta' makni simili għal dawk misjuba f'dan il-każ – u ċjoe : -

> "makna għal-logħob tad-divertiment" tfisser kull tip ta' makna, sew jekk din titħaddem elettrikament, elettronikament, mekkanikament,

> manwalment jew xort'oħra, li tintuża għall-fini li jintlagħbu logħbiet esklużivament għal skopijiet ta' divertiment u mhux għal skopijiet ta' logħob tal-ażżard, u li titħaddem permezz tat-tfigħ fil-makna ta' xi munita jew ta' *token* ta' makna għal-logħob tad-divertiment u li meta din tkun qiegħda titħaddem ġugatur li jirbaħ la jirċievi u lanqas ma jiġi offrut ebda benefiċċji ħlief l-opportunità, jekk ikun hemm, li tagħtih l-azzjoni awtomatika tal-makna li jerġa' jilgħab il-logħba mingħajr il-ħtieġa li jerġa' jitfa' l-flus jew *tokens* ta' makna għal-logħob;
>
> "makna għal-logħob tad-divertiment bi premju" tfisser kull tip ta' makna, sew jekk imħaddma bl-elettriku, elettronikament, mekkanikament, manwalment jew xort'oħra, li tintuża għħall-fini li jintlagħbu logħbiet esklużivament għal skopijiet ta' divertiment u mhux għal skopijiet ta' logħob tal-ażżard, u li titħaddem permezz tat-tfigħ fil-makna ta' xi munita jew ta' *token* ta' makna għallogħob tad-divertiment, u li meta din tkun qiegħda titħaddem ġugatur rebbieħ jirċievi jew jiġi offrut premju fi flus jew f'valur monetarju;

Kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha, anke *occorrendo* (għalkemm mhux bil-fors) billi jiġi nominat espert f'dan il-qasam biex ikun jista' jiggwida lil Qorti b'dan.

Iżda l-Prosekuzzjoni ma għamlet ebda talba f'dan is-sens u ma resqet ebda prova konkreta dwar liema klassifikazzjoni hija kienet qegħda tintrabat magħha biex ma taqax fin-nassa legali tal-inkompatibbilta' jew mhux ukoll il-kontradittorjeta tal-akkużi proferiti. Il-Prosekuzzjoni għażlet li tistrieħ fuq id-dikjarazzjonijiet tal-Ispetturi tal-Awtorita li mix-xiehda tagħhom essenzjalment kienu kapaċi jgħidu li l-magni ma kienux liċenzati mill-Awtorita u li t-tnejn mhux suppost li kienu f'dak il-post għax il-post ma kienx liċenzat mill-Awtorita.

Ġie pruvat li l-magni jaċċettaw flus biex jitħadmu – il-"Miss Bowling Turbo five in line" taċċetta kemm muniti u karti filwaqt li l-"Mega touch Max" taċċetta muniti biss. Għall-Jurgen Tanti din il-"Miss Bowling Turbo five in line" – "ma hijiex game of skills, it is an illegal gaming device" filwaqt li l-"Mega touch Max" "sibniha li kien fiha logħob ta' karti u logħob li ssibu f'casino". Dan ix-xhud il-makni ma ħaddimhomx; iżda meta ra d-display ra li dawn il-logħob mhux suppost qiegħed fuq dawn il-magni.

Biss ma jirrispondix għall-aktar mistoqsija importanti għal din il-Qorti – "għaliex?" – għaliex hija logħoba tal-ażżard, jew hija logħoba tal-ażżard u abbilita jew hija logħoba tad-divertiment – bi premju jew mhux… U aktar important x'tip ta' logħoba fil-fatt kienet – kienet logħba tal-ażżard, logħba ta' ażżard u abbilta' jew inkella kienet logħba tad-divertiment. Aktar minn hekk ried jiġi pruvat jekk fil-fattispeċje ta' dan il-każ din il-magna kienetx qed tiġi użata bħala logħba tal-ażżard, logħba ta' ażżard u abbilta' jew inkella kienet logħba tad-divertiment. Biss din il-prova hija nieqsa u fid-dawl tal-fatt li l-ewwel erba' imputazzjonijiet, skont il-Prosekuzzjoni u d-Difiża, jeskludu l-ħames imputazzjoni – u li allura huma humiex kompatibbli jew mhux ukoll kontradittorji - il-Prosekuzzjoni kienet marbuta li tiddeċiedi liema minn

dawn l-imputazzjonijiet issotni kontra l-imputat – jew l-ewwel erba' imputazzjonijiet jew il-ħames waħda.

Ir-reati de quo huma msejsa fuq allegat operat mingħajr liċenza mill-Awtorita. Li l-imputat ma kienx liċenzat jopera dawn il-logħobiet huwa ċar. Iżda ladarba l-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-imputat bl-ipoteżi tal-logħob kollha u t-tifsira tal-kelma logħob teskludi logħob tad-divertiment, makni għall-logħob tad-divertiment u makni għall-logħob tad-divertiment bi premju, awtomatikament ifisser li l-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova taħt liema minn dawn il-kategoriji hija trid li l-azzjoni tagħha tirnexxi stante li ma tistax tirnexxi fuq kull ipoteżi. U huwa dmir tagħha li tipprova dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

U dan għaliex in-nuqqas ta' liċenzar irid jiġi espress b'riferenza għat-tip ta' logħoba – jekk hux tal-ażżard jew ażżard u abbilita jew hux marbut ma logħob tad-divertiment – ilkoll mingħajr id-debita liċenza maħruġa mill-Awtorita. X'inhu t-tip ta' din il-logħoba f'dan il-każ ma ġiex pruvat.

Għalhekk il-Qorti tqis li l-akkużi kif kontestati ma ġewx pruvati soddisfaċentement u fil-każ in diżamina wkoll in kwantu jistgħu ikunu inkompatibbli jew mhux ukoll kontradittorji anke peress li l-

Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-ġeneru tal-logħob in kwistjoni u l-użu li sar bihom. Jekk il-Qorti f'dan il-każ tiddeċiedi hi li dawn il-makni jew min minnhom taqa' taħt kategorija waħda u mhux l-oħra jew li sar użu bħala logħob tal-ażżard jew logħob għal divertiment tkun hi stess qegħda tilgħab logħba tal-ażżard! Ħaġa li ovvjament ma tistax tagħmel.

# DECIDE : -

Wara li rat ir-Regolament 3(1) tal-Kapitolu 438.07 kif ukoll tal-Artikoli 6(a)(b) u 7(1)(3) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta nonche r-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdha ssib li stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha fir-rigward tal-elementi ta' kull reat ipotizzat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, qegħda tiddikjara li ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum l-10 ta' Mejju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***